MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2004

Numru. 29/2004

Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)

\- vs -

MARIO CUTAJAR

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mario Cutajar ta’ 23 sena bin Emanuel u Angela nee` Cauchi imwieled Rabat, Ghawdex fl-20 t’ April 1981 u li joqghod Nru 182, Triq il-Wardija, Qala, Ghawdex (Detentur tal-Karta ta’ l-Identita` Numru 9981 G) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-6 ta’ Lulju 1999 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Inoltre talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu Medicina Specifikata u Psikotropika (LSD) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-regolament 5(i) ta' l-Avviz Legali Nru 22 ta' l-1985, kif sussegwentement amendat u 35 (b) u 89 (a) u t-tielet skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 u l-Att Nru 5 ta' l-1985 kif amendat;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-FIAT ta' l-Avukat Generali datat erbgha (4) ta' Marzu, 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sarlu ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat illi l-imputat ikkopera bis-shih mall-prosekuzzjoni tant illi huwa rregistra ammissjoni fl-ewwel seduta moghtija u cioe` fl-1 ta' Lulju 2004;

Rat ukoll il-Fedina Penali ta' l-imputat minn fejn jirrizulta illi l-imputat m'ghandu l-ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew rejat registrat fuqha u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi trattat daqs li kieku huwa first time offender;

Ghaldaqstant fuq l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-ewwel (1) ta' Lulju, 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' l-ewwel (1) ta' Lulju;

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu;

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat MARIO CUTAJAR u stante c-cirkostanzi u cioe` r-ragunijiet specjali msemmija iktar 'il fuq ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tiddeciedi bl-applikazzjoni 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligjiiet ta' Malta li tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor ghall-perjodu ta' tliet snin mil-lum;

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li hu jonqos li josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------